MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 1143/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR DOMINIC MICALLEF**

**VS**

**ANTHONY AZZOPARDI**
**(ID Nru.: 419957M)**
**CARMEL AZZOPARDI**
**(ID Nru.: 205854(M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1143/2008**

Illum, 22 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Azzopardi, detentur tal-Karta tal-identita` numru 419957(M) u l-imsemmi Carmel Azzopardi, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 205854(M).

**Akkuzati talli:**

Bhala diretturi tal-kumpanija **Hannibal Fishing Limited**, numru ta` registrazzjoni C 29898, f'dawn il-Gzejjer, f'Mejju tal-2008 u jew fix-xhur ta` qabel ghamlu:

1) Dikjarazzjoni falza li saret quddiem registratur jew li ghandha tinghata lil registratur skont it-Taqsima II tal-Att dwar Bastimenti Merkantili, jew f'xi dokument jew prova ohra moghtija lil registratur:
    a) Bid-dehen ghamlu, jew ghinu lil min jaghmel, jew gieghlu li jsir, xi dikjarazzjoni falza dwar it-titolu ghal jew il-propjeta` ta`, xi piz jew ipoteka navali registrati ezistenti fuq, jew l-interess ezistenti fi, xi bastiment jew sehem fih; jew

    b) Ghamlu, ipproducew jew ghamlu uzu minn xi dikjarazzjoni jew dokument li jkun fih xi dikjarazzjoni falza kif intqal qabel meta tkun taf li dik hija falza.

2) Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

3) Carmel Azzopardi wahdu akkuzat talli huwa recidiv u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li saret definittiva u li ma tistax tinbidel, deciza fis-sbatax (17) ta` Gunju, 2014.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 71 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, in sostenn ta` dawn l-akkuzi, il-Prosekuzzjoni gabet diversi xhieda u produciet diversi dokumenti in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom u, filfatt, irnexxielhom japprovaw *oltre* kull dubju ragonevoli li zewg bastimenti gew irregistrati mill-imputati, jew ahjar, mill-impjegati taghhom, mal-awtoritajiet kompetenti minflok zewg bastimenti ohra. Jigifieri, sabiex dina l-Qorti tkun car, id-dettalji ta` zewg bastimenti gew mghotija minflok id-dettalji ta` zewg bastimenti ohra u dawn iz-zewg bastimenti gew irregistrati bid-dettalji u bl-*ispecifications* ta` zewg bastimenti ohra. Id-dokumenti pprezentati u x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrifletti dan. Terga` tghid dan dina l-Qorti *oltre* kull dubju.
Izda, din il-Qorti ssaqsi mistoqsija. Dan sar appostament, bl-intenzjoni cara u manifesta li wiehed iqarraq, jew sar b'mod genwin u onest, rizultat ta` zball tal-impjegati tal-imputati? Wiehed ghandu jsaqsi wkoll jekk l-imputati kienux ser jaghmlu xi forma ta` gwadan meta dawn id-dikjarazzjonijiet saru.

Illli dina l-Qorti hija tal-fehma li sar zball genwin mill-impjegati tal-imputati meta dawn gew biex jirregistraw il-bastimenti suggett ta` dina l-kawza. Dana johrog mix-xhieda prodotta u dina l-Qorti ma ghandha l-ebda raguni sabiex dan tiddubitah.

*Mettiamo caso* illi dawn id-dikjarazzjonijiet saru b'mod falz u frawdolenti, wiehed ghandu jistaqsi mistoqsija ohra u cioe`, x'vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor setghu l-imputati jakkwistaw billi jaghmlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew jghatu taghrif falz? Ir-risposta hija xejn izda sempliciment jirrizulta li zewg bastimenti gew registrati bid-dettalji ta` zewg bastimenti ohra u dan b'rizultat ta` traskuragni tal-impjegati tal-imputati u l-impjegati tat-Transport Malta li ma ndunawx bl-izball. Ma kien hemm u qatt ma seta` li jkun hemm xi vantagg jew beneficcju li seta` jigi gawdut mill-imputati bil-konsegwenza ta` dina r-registrazzjoni zbaljata.

Illi tant dan hu veru li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Marzu ta` din is-sena, id-difiza kienet ghamlet sforz sabiex dawn il-bastimenti sa dak iz-zmien mizmuma u sekwestrati mit-Transport Malta, mhux parti f'dina l-kawza, sabiex l-imputati jkunu jistghu jnehhu l-bastimenti tas-sajd mill-post fejn illum jinsabu irneggati wara l-ordni f'dan is-sens mahruga u mibghuta lilhom mill-Awtorita` tat-Transport Malta u jkunu jistghu jiddisfruggu l-istess imsemmija bastimenti tas-sajd. Il-Prosekuzzjoni, permess ta` risposta datata ghaxra (10) ta` April, 2015, ma sabet l-ebda oggezzjoni

ghal dina l-proposta u, b’digriet taghha tas-sebgha (7) ta` Mejju, 2015, dina l-Qorti akkordat dan ir-rikors. Ta` min jinnota li f’dan ir-rikors inghad illi, ekonomikament, ma jaghmel ebda sens li dawn il-bastimenti jisservew bl-iskop illi jergghu jintuzaw u li, ghalhekk, l-uniku skop li fadal huwa li dawn il-bastimenti jigu distrutti u l-hadid taghhom jinbiegh bhala *scrap metal*.

Illi, ghalhekk, wiehed ghandu jargumenta li jekk, illum, dawn il-bastimenti ma jiswew prattikament xejn, fejn qieghed il-gwadan finanzjarju li setghu jakkwistaw l-imputati jew haddiehor billi huma, milli jidher, erroneament taw id-dettalji ta` zewg bastimenti ohra *invece* ta` dawk li kienu ghar-registrazzjoni?
Illi, ghalhekk, l-element ta` intenzjoni jew mens rea huma totalment mankanti f’dan l-akkadut u kwindi, in mankanza ta` dana l-element essenzjali ghall-konnessjoni ta` dan ir-reat, l-imputati ma jistghux jinsabu hatja ta` dak li bih huma akkuzati. Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-istess imputati mill-akkuzi dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Konsegwentement u naturalment, l-imputat Carmel Azzopardi wahdu ma jistax u m’huwiex qieghed jinstab hati tal-akkuza ta` recidiva a tenur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------